MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 221/2006

Kawza fil-lista: 21

**A B C**
**vs**
**E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Frar [recte: Jannar 1985], u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni; li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut senjatament adulterju, kif ukoll eccessi, sevizzi, mohqrija u ngurji gravi kommessi minnu fil-konfront taghha, u in susbidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li hi ottjeniet l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed

titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut; [2] tillikwida manteniment ghaliha; [3] tapplika kontra l-konvenut, in toto jew in parte, id-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16; [4][5] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha; [6] tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lilha l-beni parafernali u dotali taghha, u tordna li hi tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali u dotali taghha; [7] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza; bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li hu m’ ghandux tort ghas-separazzjoni, izda kienet l-attrici li, minghajr raguni valida abbandunat lill-konvenut u lil uliedhom meta telqet mid-dar konjugali u halliet warajha djun kbar li kellu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo,

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut peress li l-hajja konjugali bejniethom m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet tal-konvenut bazati fuq id-disposti ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Min-naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tal-firda lill-attrici meta dina minghajr raguni valida abbandunat id-dar konjugali.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Jannar 1985, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni.

Fit-18 ta’ Frar 2006 l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix fid-dar ta’ ommha; u hadet maghha t-tifel iz-zghir, filwaqt li l-konvenut baqa’ jabita fid-dar matrimonjali, b’ kirja maghmula waqt iz-zwieg, flimkien mat-tifel il-kbir.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li hi kienet telqet mid-dar matrimonjali fit-18 ta’ Frar 2006 ghax ma felhitx tissaporti aktar il-komportament abuziv ta’ zewgha li, ghalkemm qatt ma sawwatha, kien juza vjolenza morali fuqha, fis-sens li kien jghajjarha ‘kerha u hoxna’, u jmaqdarha anke quddiem in-nies kif xehedet ohtha.

Tghid li zewgha kien jixrob hafna, u kien isegwi mil qrib il-passi taghha, tant li hi tghid li kellha hafna sikkatura; u, filwaqt li hi kien ikollha toqghod id-dar, huwa kien johrog wahdu ma’ zijietu.

Tghid li, ghalkemm it-tnejn kienu jahdmu full time, il-problema tal-flus kienet wahda kostanti u rikorrenti fiz-zwieg taghhom. Tghid, li fl-ahhar sitt snin tal-konvivenza, hu ma kienx baqa’ jaghtiha flus ghal hajja, izda kien jibghatha tixtri minghand il-grocer, u fl-ahhar tax-xahar kien imur ihallsu hu.

L-attrici tghid li: darba f’ xahar hi kienet taghmel xirja laham; kienet tlibbes lit-tfal mill-paga taghha; thallas it-telefon minn butha. Tghid li dak kollu li hemm fid-dar kienet xtratu hi minn flusha, ghalkemm fiz-zwieg.

Tispjega li kif bdiet il-proceduri tas-separazzjoni hi ma setghetx tghix aktar ma’ zewgha, u ghalhekk telqet mid-dar konjugali. Tghid ukoll li meta hi telqet mid-dar kien hemm “hafna kontijiet pendenti fosthom tal-grocer u tad-dawl.”[1]; izda ma tafx x’ kontijiet ohra kien hemm ghax il-konvenut kien ihalliha fl-ghama, “ghajr li kien jiggieled mieghi meta jigu l-kontijiet.”[2]

[1] Fol.75
[2] Ibid.

Fuq kontro ezami l-attrici tghid li ftit xhur qabel ma’ telqet mid-dar, meta bdiet tahdem il-Grands Estate fl-4 ta’ Dicembru 2005, hija kienet saret taf ragel, identifikat b’ ismu, li hi tiddeskrivih bhala “habib kbir” taghha. Tammetti li hi u dan ir-ragel, flimkien ma’ koppja ohra gieli hargu jieklu flimkien, u darba minnhom, wara s-separazzjoni de facto, hija kienet telghet l-Ingilterra mieghu u ma’ ohtu ghat-tieg ta’ bintu, izda hi kienet raqdet ma’ ohtu, filwaqt li dan ir-ragel kien raqad ghand it-tifla tieghu.

*Verzjoni Konvenut*
Illi dan beda biex cahad li hu ghandu xi relazzjoni extra-matrimojali, u fil-kontro-ezami, jispjega li ghalkemm il-*beautician* li kien imur ghandha kienet habiba tieghu li kien jiltaqa’ maghha f’ diversi postijiet bhala ma kien jiltaqa’ ma’ hbieb ohra, izda “ahna ma nohorgux flimkien.”[3] Lill-attrici ma kienx jghidilha li kien imur ghand *beautician* peress li “marti minn dejjem kienet tghir ghalija.”[4]

Il-konvenut jispjega li l-problema kostanti fiz-zwieg kienet il-finanzi. Jghid, li filwaqt li “il-paga tieghi kollha kienet tmur sabiex inhallas il-bzonnijiet tal-familja bhal kera, xirjiet u sevizzi fid-dar” l-attrici “jien la qatt tlabtha, u lanqas qatt tatni mqar centezmu ghall-bzonnijiet tal-familja.”[5] Jinsisti li kien hu li kien ihallas l-ispejjez kollha tal-familja, inkluz lil tal-*grocer*.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-perit legali li primarjament il-kawza tas-separazzjoni tal-kontendenti kienet l-inkompatibilita’ tal-karattri tal-partijiet u l-problemi finanzjarji li kienu qed jiffaccjaw, ma taqbilx mal-konkluzjoni taghha li l-attrici hija hatja ta’ adulterju.

Minn ezami rett tal-provi, il-Qorti hi tal-fehema li l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, meta dana kien jghajjarha bil-persuna taghha u jmaqdarha quddiem in-nies; kif ukoll il-fatt tal-litigji kostanti dwar il-flus u l-kontijiet li l-konvenut kien jircevi, tant li matul l-

[3] Fol. 72
[4] Ibid.
[5] Fol.67

ahhar sitt snin tal-konvivenza matrimonjali huwa kien waqaf jaghti flus lil martu sabiex tixtri il-bzonnijiet tal-familja, filwaqt li hu kien imur ihallas hu lil tal-*grocer*; dan il-komportament degradanti u umiljanti, jikkostitwixxi ngurja gravi u sevizzi da parti tieghu fil-konfront ta' martu.

Minn naha taghha pero' l-attrici, ghalkemm il-hbiberija li kellha mar-ragel indikat fix-xhieda taghha ma twassalx ghal prova ta' adulterju, izda minn naha l-ohra din il-hbiberija specjali jew "kbira" tikkostitwixxi ngurja gravi da parti taghha fil-konfront ta' zewgha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li, z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, principalment tort ta' sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenut, u sekondarjament tort ta' ingurja gravi da parti ta' l-attrici.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Inkwilinat - Dar Matrimonjali*

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehema li l-inkwilinat ta' dan il-fond ghandu jigi assenjat lill-attrici, u ghalhekk tordna li l-attrici tghix f' dan il-fond ad eskluzjoni tal-konvenut li, minn naha tieghu, qed jigi ordnat li jallontana ruhu minn dan il-fond fi zmien xaharejn.

*Effetti Mobbli*

Illi in kwantu ghall-effetti mobbli, il-Qorti taghmel referenza ghall-parti intestata "L-Aspett Patrimonjali" fir-relazzjoni tal-perit legali, fil-pagni 24 sa 26[6], u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern, flimkien mal-pagna 27[7] [Appendici A], u tordna li l-effetti mobbli, konsistenti f' sett tal-borom, fridge, washing machine, microwave, Hoover, tizjin mal-hitan, ghamara fis-salott u l-inkwatri kollha, jigu spartiti wgwalment bejn il-partijiet, u fin-nuqqas ta'qbil, dawn l-oggetti ghandhom jigu valutati u l-attrici thallas lill-konvenut nofs il-valur taghhom illum; filwaqt li l-platti,

[6] Fols.130 - 132
[7] Fol.133

bedspread, lozor, quilts u bjankerija ghandhom jigu kkonsenjati lill-attrici bhala proprjeta' parafernali jew dotali taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija taz-zewg partijiet;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tilqa' it-tielet talba fil-konfront taz-zewg partijiet;

[4] tilqa' ir-raba u s-sitt talba fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li hi superfluwa;

[6] tilqa' s-seba' talba.

L-ispejjez ghandhom jithallsu, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u terz [1/3] mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------